Nru./No. 18,600
Prezz/Price
€5.40

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 28 ta' Mejju, 2010
Friday, 28th May, 2010

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 4617 - 4629
Government Notices ..... *4617 - 4629*

Avviżi tal-Pulizija ..... 4629 - 4632
Police Notices ..... *4629 - 4632*

Avviżi lill-Baħħara ..... 4632 - 4633
Notices to Mariners ..... *4632 - 4633*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 4633 - 4641
Employment Opportunities ..... *4633 - 4641*

Avviżi tal-Gvern ..... 4642 - 4653
Notices ..... *4642 - 4653*

Offerti ..... 4654 - 4694
Tenders ..... *4654 - 4694*

Avviżi tal-Qorti ..... 4695 - 4728
Court Notices ..... *4695 - 4728*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 550

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 53 imsejjaħ Att tal-2010 li jemenda l-Att dwar Dazju tas-Sisa.

It-28 ta' Mejju, 2010

Nru. 551

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skont l-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

It-28 ta' Mejju, 2010
(File No. L676/70/6)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħ'Attard:-

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 13,921 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral ma' triq pubblika, mil-Lbiċ u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u hija rreġistrata fir-*Records* tal-Gvern bħala *tenement* nru. 51708.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta L.D. 66/73 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) George Abela
President

It-18 ta' Mejju, 2010

GOVERNMENT NOTICES

No. 550

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 53 entitled the Excise Duty (Amendment) Act, 2010.

28th May, 2010

No. 551

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration, made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

28th May, 2010

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Attard:-

A plot of land of the area of about 13,921 square metres, bounded on the North West by a public road, on the South West and the South East by Government property and is registered in the Government Records as tenement no. 51708.

The abovementioned land is shown marked with the colour red on plan L.D. 66/73 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

18th May, 2010

Nru. 552

RILAXX TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) hija ppubblikata skont u għall-finijiet tal-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-28 ta' Mejju, 2010
(File No. L380/79/III/24)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-Aġent President ta' Malta tat-22 ta' April 1987, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' April, 1987 taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 313, l-Aġent President ta' Malta kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fil-Marsa:-

1. Biċċa art - li tinkludi l-imħażen Nri. 81 u 83, Triq is-Sajjieda, kantuniera ma' 1 u 2, il-Moll tal-Ħatab, tal-kejl ta' 371 metru kwadru, li tmiss mix-Xlokk ma' triq pubblika, min-Nofsinhar ma' proprjetà tas-Sur Joseph Barbara, A&C. E. u mil-Lvant parti ma' proprjetà tas-Sur Joseph Barbara, A&C.E., u parti ma' triq pubblika.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur isfar fuq pjanta L.D. 209/85, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) George Abela
President

It-22 ta' Mejju, 2010

No. 552

RELEASE OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

28th May, 2010

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the Acting President of Malta of the 22nd April 1987, published in the Government Gazette of the 30th April 1987 under Government Notice No. 313, the Acting President of Malta had declared that the undermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Marsa:-

1. A plot of land - including stores Nos. 81 and 83, Triq is-Sajjieda, corner with 1 and 2, il-Moll tal-Ħatab, of the area of 371 square metres, bounded on the South East by a public road, on the South by property of Mr Joseph Barbara, A&C. E. and on the East partly by property of Mr Joseph Barbara, A&C.E., and partly by a public road.

The abovementioned land is shown marked with the colour yellow on plan L.D. 209/85, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

22nd May, 2010

Nru. 553

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skont u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

It-28 ta' Mejju, 2010
(File No. L397/2008)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista' għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija soġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi ddikjarata soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art minn San Ġwann sa Pembroke:–

Tħaffir ta' mina twila 1,530 metru, inkluż *profile sections* u *shafts*.

Kif deskritta fuq il-pjanti tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rotta:	LS 192007
Tunnel Profiles:	LS 182007
Sections u *Shafts:*	LS 132006

L-art hawn fuq imsemmija hija murija wkoll fuq il-pjanta mmarkata P.D. 2008_19, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) George Abela
President

It-22 ta' Mejju, 2010

No. 553

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

28th May, 2010

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land from San Ġwann to Pembroke:–

Digging of a tunnel 1,530 metres long, including profile sections and shafts.

As described on the Enemalta Corporation's plans.

Route:	LS 192007
Tunnel Profiles:	LS 182007
Sections and Shafts:	LS 132006

The above mentioned land is shown also on plan marked P.D. 2008_19, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

22nd May, 2010

Nru. 554

NOMINA TA' AĠENT PRIM IMĦALLEF

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 98 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, innomina lill-Onorevoli Mħallef Alberto Magri biex jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga ta' Aġent Prim Imħallef bejn it-30 ta' Mejju, 2010, u l-1 ta' Ġunju, 2010, matul l-assenza tas-Sinjurija Tiegħu l-Onorevoli Prim Imħallef Vincent De Gaetano.

It-28 ta' Mejju 2010
(MJ/207/1989/VII)

No. 554

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF JUSTICE

IT is notified for general information that in virtue of the powers conferred by section 98 of the Constitution of Malta, the President of Malta, on the advice of the Prime Minister, designated the Honourable Mr Justice Alberto Magri to perform the functions of Acting Chief Justice between the 30th May, 2010, and the 1st June, 2010, during the absence of His Honour the Chief Justice Vincent De Gaetano.

28th May 2010

Nru. 555

NOMINA TA' AĠENT PRIM IMĦALLEF

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 98 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, innomina lill-Onorevoli Mħallef Joseph Filletti biex jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga ta' Aġent Prim Imħallef bejn is-6 u t-13 ta' Ġunju 2010 matul l-assenza tas-Sinjurija Tiegħu l-Onorevoli Prim Imħallef Vincent De Gaetano.

Is-27 ta' Mejju 2010
(MJ/207/1989/VII)

No. 555

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF JUSTICE

IT is notified for general information that in virtue of the powers conferred by section 98 of the Constitution of Malta, the President of Malta, on the advice of the Prime Minister, designated the Hon. Mr Justice Joseph Filletti to perform the functions of Acting Chief Justice between 6th and 13th June 2010 during the absence of His Honour the Chief Justice Vincent De Gaetano.

27th May 2010

Nru. 556

KUNSILL TAL-ISPIŻJARA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru għoġbu jaħtar, skont Artikolu 15 (a) (b) (f) u l-Ewwel Skeda (Artikolu 6) tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, (Kap. 464), il-President u l-Membri fuq il-Kunsill tal-Ispiżjara sas-16 ta' Mejju, 2013.

President
Dott. Victor Scerri, LL.D

Membri
Il-Prof. Lilian Azzopardi
Is-Sur Noel Borg Hedley
Is-Sur Saviour Campbell
Is-Sur Ray Cassar

Is-26 ta' Mejju 2010
MH 215/2003

No. 556

PHARMACY COUNCIL

IT is notified for general information that the Prime Minister has been pleased to appoint, in terms of Article 15 (a) (b) (f) and the First Schedule (Article 6) of the Health Care Professions Act, (Cap. 464), the following President and Members on the Pharmacy Council as follows up to 16th May, 2013.

President
Dr Victor Scerri, LL.D

Members
Prof. Lilian Azzopardi
Mr Noel Borg Hedley
Mr Saviour Campbell
Mr Ray Cassar

26th May 2010

Nru. 557

BORD TA' KLASSIFIKA TAL-PELLIKOLI U TAL-PALK

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta għoġbu japprova illi l-Bord ta' Klassifika tal-Pellikoli u tal-Palk, nominat skont ir-Regolament 40 tar-Regolamenti tal-1937 dwar iċ-Ċinema u l-Palk, ikun kostitwit kif ġej għal perijodu sal-31 ta' Ottubru, 2010.

Chairperson
Is-Sinjura Marie Therese Friggieri

Deputat
Is-Sur Manuel Psaila

Membri
Is-Sur Joe Camilleri
Rev. Patri Norbert Ellul Vincenti OFM
Is-Sur Dione Mifsud
Is-Sur Anthony Muscat
Is-Sur Charles Thake
Is-Sinjura Marthese Scerri Said
Is-Sinjura Cecilia Xuereb
Is-Sur Joe Vella
Is-Sur Emanuel J Ellul
Is-Sinjura Marion Grech
Is-Sur George White
Is-Sur Paul Montanaro
Is-Sinjura Joan Bondin

Il-President ta' Malta għoġbu wkoll japprova illi l-membri kollha tal-Bord ta' hawn fuq jagħmluha ta' Klassifikaturi ta' produzzjonijiet drammatiċi u produzzjonijiet oħra tal-palk.

It-28 ta' Mejju, 2010

No. 557

BOARD OF FILM AND STAGE CLASSIFICATION

It is notified for general information that the President of Malta has been pleased to approve that the Board of Film and Stage Classification, appointed in terms of Regulation 40 of Cinema and Stage Regulations 1937, for a period till 31 October 2010, be constituted as follows:

Chairperson
Ms Marie Therese Friggieri

Deputy
Ms Manuel Psaila

Members
Mr Joe Camilleri
Rev. Fr Norbert Ellul Vincenti OFM
Mr Dione Mifsud
Mr Anthony Muscat
Mr Charles Thake
Ms Marthese Scerri Said
Ms Cecilia Xuereb
Mr Joe Vella
Mr Emanuel J Ellul
Ms Marion Grech
Mr George White
Mr Paul Montanaro
Ms Joan Bondin

The President of Malta has also approved that all the above members of the Board act also as Classifiers of dramatic and other stage productions.

28th May 2010

Nru. 558

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI GĦALL-AVJAZZJONI ĊIVILI

IĊ-*CHIEF Executive Officer* tal-Awtorità tat-Trasport f'Malta approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DATA *DATE*
Mr Charles Caruana Triccas	Aġent Direttur Ġenerali għall-Avjazzjoni Ċivili *Acting Director General for Civil Aviation*	31st May to 7th June 2010

It-28 ta' Mejju, 2010

No. 558

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL FOR CIVIL AVIATION

THE Chief Executive Officer for the Authority for Transport in Malta has approved the following acting appointment:–

28th May, 2010

Nru. 559

ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR
(KAP. 378)

Lista ta' Għaqdiet tal-Konsumaturi Reġistrati

IL-KUNSILL għall-Affarijiet tal-Konsumatur jgħarraf li għall-finijiet tal-Artikolu 33 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, l-Għaqda tal-Konsumaturi kienet, fil-31 ta' Diċembru 2009, għaqda tal-konsumaturi debitament reġistrata a tenur tat-Taqsima IV tal-imsemmi Att.

It-28 ta' Mejju, 2010

No. 559

CONSUMER AFFAIRS ACT
(CAP. 378)

List of Registered Consumer Associations

THE Consumer Affairs Council notifies that for the purposes of Article 33 of thez Consumer Affairs Act, the Consumer Association was a duly registered consumer association in accordance with the requirements of Part IV of the said Act, as on the 31st December 2009.

28th May, 2010

Nru. 560

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI
U ARKIVJI NUTARILI
(KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili nnominat in-Nutar Dott. George sive Jurgen Galea bħala Nutar Delegat/Konservatur tal-Atti tan-Nutar Dott. Mary sive Mariella Mizzi, sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mis-6 ta' Mejju, 2010 sal-11 ta' Mejju, 2010.

Illum, 13 ta' Mejju, 2010.

PAUL X. SAMMUT, B.PSYCH, PGDPS,
HON. DIP. LITT.
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali Ċivili (Malta)

No. 560

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL
ARCHIVES ACT
(CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr George sive Jurgen Galea to be Notary Delegate/Keeper of the Acts for Notary Dr Mary sive Mariella Mizzi, during the latter's absence from these Islands from the 6th May, 2010 till the 11th May, 2010.

This day, 13th of May, 2010.

PAUL X. SAMMUT, B.PSYCH, PGDPS,
HON. DIP. LITT.
For the Registrar Civil Courts and Civil Tribunals (Malta)

Nru. 561

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI
U ARKIVJI NUTARILI
(KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili nnominat in-Nutar Dott. George sive Jurgen Galea, bħala Nutar Delegat/Konservatur tal-Atti tan-Nutar Dott. Mary sive Mariella Mizzi, u dan sakemm din tal-aħħar tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer minn nhar l-24 ta' Mejju, 2010 sa nhar it-30 ta' Mejju, 2010.

Illum, l-20 ta' Mejju, 2010.

Mario Mifsud, B.A., D.L.I.S.,
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 561

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL
ARCHIVES ACT
(CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr George sive Jurgen Galea to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Mary sive Mariella Mizzi, during the latter's absence from these Islands from the 24th May, 2010 till the 30th May, 2010).

Today, the 20th day of May, 2010.

Mario Mifsud, B.A., D.L.I.S.,
F/Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 562

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP.55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili nnominat in-Nutar Dottor George sive' Jurgen Galea, bħala Nutar Delegat/Konservatur tal-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Felix Abela, illum mejjet, u dan sakemm in-Nutar Dottor Mary sive Mariella Mizzi, li hija n-Nutar Konservatur tal-atti tal-imsemmi Nutar Abela, tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer minn nhar l-24 ta' Mejju 2010 sa nhar it-30 ta' Mejju, 2010.

Illum, l-20 ta' Mejju, 2010.

Mario Mifsud, B.A., D.L.I.S.,
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili

No. 562

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr George sive Jurgen Galea to be Notary Delegate/Keeper for the late Notary Dr Joseph Felix Abela and this during the period that Dr Mary sive Mariella Mizzi, who is his (Notary Abela's) Notary Delegate/Keeper, will be absent from these Islands from the 24th May, 2010 till the 30th May 2010.

Today, the 20th day of May, 2010.

Mario Mifsud, B.A., D.L.I.S.,
F/Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 563

ATT TAL-1992 DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (ARTIKOLU 46)

Skedar ta' Proprjetà

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 349 (Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,085 tal-20 ta' April, 2001) l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'din tiddikjara li qiegħda tneħħi mil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skont l-artikolu 46 tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-proprjetajiet li ġejjin (kif jidhru fuq il-mappa f'paġna 4624) li oriġinarjament kienu skedati bħala ta' Grad 2 u Grad 3, jiġifieri: -

Nri. 102/103, Triq il-Marina, Pietà
Nri. 104 - 106, Triq il-Marina, Pietà
Nru. 107, Triq il-Marina, Pietà

Fl-20 ta'April, 2010, il-Prim Ministru approva li dawn il-proprjetajiet jiġu mneħħija mil-lista tal-iskedar. Il-*Policy* tal-Pjan ta' Struttura UCO 7 tgħid fuq proprjetajiet skedati bħala Grad 3 "Bini li ma għandu l-ebda importanza storika u hu ta' importanza arkitettonika minima. Twaqqigħ għandu mnejn ikun permess sakemm il-bini li jittella' minfloku jkun jirispetta il-madwar"**.**

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 tal-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

It-28 ta Mejju, 2010

No. 563

DEVELOPMENT PLANNING ACT, 1992 (SECTION 46)

Scheduling of Property


WITH reference to Government Notice No. 349 (Government Gazette No. 17,085 of the 20th April, 2001), the Malta Environment and Planning Authority declares that it is excluding from the list of scheduled property, in terms of section 46 of the Development Planning Act, 1992, the following property, (as shown on site plan on page 4624) originally scheduled as Grade 3, namely: -

Nos. 102/103, Triq il-Marina, Pietà
Nos. 104 - 106, Triq il-Marina, Pietà
No. 107, Triq il-Marina, Pietà

On 20th April, 2010, the Prime Minister approved that these properties be excluded from the list of scheduled property. Structure Plan Policy UCO 7 states that Grade 3 scheduled properties are "Buildings which have no historical importance and are of relatively minor architectural interest. Demolition may be permitted provided the replacement building is in harmony with its surroundings"**.**

The Malta Environment and Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act as regards to Scheduled Property.

28th May, 2010



St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295

Malta Environment & Planning Authority

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords of Map :-
Min E54587, N72623
Max E54773, N72791

Title :-

Descheduling of Property Triq Marina, Pieta'

Ref No. :-

Legend :-

Properties 102 - 107

1 - Nos. 102/103, Grade 3
2 - Nos. 104-106, Grade 3
3 - No. 107, Grade 2

Form No. :- MU004

Nru. 564



ISMIJIET TA' TOROQ F'MALTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern ordna li t-toroq speċifikati fl-ewwel kolonna ta' din l-iskeda għandhom jiġu msemmija mill-ġdid kif speċifikat fit-tieni kolonna tal-istess skeda msemmija.

No. 564

NAMING OF STREETS IN MALTA


IN exercise of the powers conferred by Section 22 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Minister for Justice and Home Affairs has directed that the streets specified in the first column of the subjoined schedule be renamed as specified in the second column of the schedule.

Ħ'ATTARD Triq ġdida fi Triq Lorenzo Manchè mmarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma: TRIQ DUN MICHELE BALZAN KAPPILLAN 1932 - 1957	
IL-GUDJA Triq ġdida fi Triq Bur Ġlat immarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma: TRIQ MONS. PAWLU MALLIA 1872 - 1946	

IX-XGĦAJRA

Triq ġdida fi Triq il-Knisja mmarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
LAPSI



It-28 ta' Mejju, 2010

28th May, 2010

Nru. 565

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TAL-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 565

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Aġenzija ta' Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard Agency

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Joseph Sarè	366172 (M)	Private Address:- Lola, Flat 3, Triq il-Qaliet, Marsaskala Business Address:- "Special Assignment Security Services Ltd", Lola, Flat 3, Triq il-Qaliet, Marsaskala

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Emanuel Abela	23065 (M)	18, Triq Robert Baden Powell, Birżebbuġa
Tarcisio Bugeja	501968 (M)	"Girasole", Triq Abela, Santa Venera
Josef Mario Cuschieri	374386 (M)	124, "Guzmar", Triq Patri G. Spiteri Fremond, Qormi
Brian Camilleri	155475 (M)	240, Triq it-Torri, Mosta
Suzanne Camilleri	205370 (M)	35, "Unforgetable", Triq il-Għasel, Żabbar
Glen Vella	193692 (M)	"Cottage D'Amour", Triq Ħal Far, Żurrieq
Paul Dimech	30564 (M)	23, "Rasta", Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar
Adrian Mallia	330876 (M)	"Tatras Court", Flat 3, Triq l-Aħmar, Marsaskala
Theresa Cremona	214766 (M)	Blokk 4, Flat 6, Triq id-Deheb Fin, Qormi
Brian Saliba	63576 (M)	94, Flat 1, Triq Ta' Masrija, Mellieħa
Roderick Vella	250182 (M)	18, "The Quill", Triq Raymond Caruana, Gudja
Alan Cutajar	538987 (M)	11, Triq il-Brolli, Birżebbuġa
Silvio Frendo	293661 (M)	16, "Il-Ħolqa", Triq Antonio Miruzzi, Mosta
Mario Darmanin	760550 (M)	84, "Maryann", Flat 3, Triq San Tumas, Fgura
John Mary Camilleri	145663 (M)	"Kejla", Blokk A, Flat 3, Triq il-Bronja, Mellieħa
Carmen Chircop	211761 (M)	13, "Ħajja Ġdida", Triq S. Fitteni, Mosta
Graziella Maria Schembri	17283 (M)	"Fer Breeze", Triq Leonard Mahoney, Xgħajra
Carmel Brincat	625662 (M)	4, Triq il-Kbira, Sqaq Numru 2, Qormi
Emanuel Bonello	122466 (M)	27, "Ave Maria", Triq iċ-Ċitru, Attard
Glenn Bundy	489586 (M)	103, Flat 1, Triq Ħal Luqa, Tarxien
John Bonello	350558 (M)	"Sonnenhuf", Triq id-Durrgħajsa, Paola
John Spiteri	55882 (M)	429, Triq Rue D'Argens, Gżira
Leanne Marie Cauchi	261087 (M)	5, Triq il-Kappuċċini, Kalkara
Stephen Borg	175373 (M)	7, "Shekinha", Triq Aloisio, Qormi

George Azzopardi	161471 (M)	"Blue Jays", Triq il-Post Ħieles, Birżebbuġa
Paul Zammit	714457 (M)	81, "Xanadu", Triq iż-Żurrieq, Safi
George Fenech	140485 (M)	56, Triq ix-Xitwa, Qormi
William John Hendy	498243 (M)	Blokk N, Flat 2, Triq iż-Żnuber, Santa Luċija
Emanuel Schembri	21763 (M)	43, Triq Santa Margerita, Bormla
Jesmond Vella	341971 (M)	34, "Lor Louis", Triq ix-Xini, Marsaxlokk
Gilbert Charles Borg	305983 (M)	9, "Cova Da Iria", Triq Dun Ġużepp Farrugia, Żurrieq
Keith Grech	434684 (M)	7, "The Country Home", Triq Gio C. Dei Marchesi Mallia Tabone, Mosta

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-28 ta' Mejju, 2010

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

28th May, 2010

Nru. 566

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
28. 05. 10	€31.960	€0.506

It-28 ta' Mejju, 2010

No. 566

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

28th May, 2010

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 59

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ, twaqqif u pparkjar ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Marsaskala

Nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Ġunju, 2010, mit-3.00 p.m. minn Pjazza Dun Tarċis, Triq La Sengle, Triq il-Bużbież u Triq San Ġwakkin.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Ħaż-Żebbuġ

Nhar il-Ħadd, 6 ta' Ġunju, 2010, mis-6.00 p.m. miz-zuntier tal-Parroċċa, Pjazza San Filep, miż-żewġ naħat ta' Triq Antonio Sciortino, għal Golden Lion Bar għal Pjazza San Filep u l-Każin tal-Banda San Filep.

Nhar it-Tnejn, 7 ta' Ġunju, 2010 mit-8.00 p.m. minn Triq Antonio Sciortino, Vjal il-Ħelsien, Triq l-Imgħażel, Dun S. Ciappara, Triq Ħal Mula, Triq Sant' Antnin u Pjazza San Filep.

Nhar it-Tlieta, 8 ta' Ġunju, 2010 mit-8.00 p.m. minn Pjazza San Filep, Triq l-Isqof, Triq De Rohan, Triq Zarb,

POLICE NOTICE

No. 59

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit, stopping and parking of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited and will be suspended on the dates and times indicated.

Marsaskala

On Friday, 11th June, 2010, from 3.00 p.m. through Pjazza Dun Tarċis, Triq La Sengle, Triq il-Bużbież and Triq San Ġwakkin.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

Ħaż-Żebbuġ

On Sunday, 6th June 2010, from 6.00 p.m. from Parish parvis, Pjazza San Filep, from both sides of Triq Antonio Sciortino, to Golden Lion Bar down to Pjazza San Filep and St Philip Band Club.

On Monday, 7th June 2010 from 8.00 p.m. from Triq Antonio Sciortino, Vjal il-Ħelsien, Triq l-Imgħażel, Dun S. Ciappara, Triq Ħal Mula, Triq Sant'Antnin and Pjazza San Filep.

On Tuesday 8th June 2010 from 8.00 p.m. from Pjazza San Filep, Triq l-Isqof, Triq De Rohan, Triq Zarb, Vjal il-Ħelsien,

Vjal il-Ħelsien, Triq Santu Rokku, Triq Mamo, Triq is-Siġġiewi, Triq Sant' Antnin, Triq il-Knisja, Triq il-Parroċċa, Triq San Ġużepp, Triq l-Anġlu, Triq il-Kbira u Triq Antonio Sciortino.

Nhar l-Erbgħa, 9 ta' Ġunju, 2010 mit-8.00 p.m. miz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali ta' San Filep, Triq Sant Antnin għal Triq il-Parroċċa, Triq l-Anġlu, Triq Vilhena, Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Kbira, Pjazza San Filep u Triq Antonio Sciortino.

Nhar l-Erbgħa, 9 ta' Ġunju, 2010 mis-6.00 p.m. miż-żewġ naħat ta' Triq Antonio Sciortino.

Nhar il-Ħamis, 10 ta' Ġunju, 2010 mit-8.00 p.m. minn Pjazza San Filep, Triq il-Parroċċa, Triq Antonio Sciortino, Triq l-Infetti, Vjal il-Ħelsien, Triq Agirra, Triq Lazzru Pisani, Triq Santu Rokku, Triq iż-Żebbuġ, Triq L. Gafà, Triq Dun F. Calleja, Triq A. Gatt, Triq l-Għasfura, Triq it-Twila, Triq il-Kbira, Triq id-Duluri, Triq Dun Mikiel Xerri u Triq l-Isqof Caruana.

Nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Ġunju, 2010 mit-8.00 p.m. 'il quddiem minn Pjazza San Filep u Triq Antonio Sciortino quddiem il-Każin tal-Banda 12th May Band Club.

Nhar is-Sibt, 12 ta' Ġunju, 2010 mis-6.00 p.m. minn Triq tal-Grazzja, Triq il-Mitħna, Triq Fra Fred Mattei, Triq Xmun Attard, Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Parroċċa, Pjazza San Filep, Triq Antonio Sciortino u Vjal il-Ħelsien.

Nhar il-Ħadd, 13 ta' Ġunju, 2010 mid-9.00 a.m. minn Pjazza San Filep, Triq Antonio Sciortino, Triq Milanese, Triq l-Isqof Caruana, Triq il-Kbira, Misraħ Ħal Muxi, Triq Santa Marija,Triq l-Għasfura, Triq A. Gatt, Triq Dun F. Calleja, Triq L. Gafà, Triq Lazzru Pisani, Vjal il-Ħelsien, Triq l-Infetti, Triq Antonio Sciortino, Triq il-Parroċċa, Triq San Ġużepp, Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Madonna, Triq Ħali, Triq P. Debono, Triq il-Prinċep Bażilku, Triq Ħal Dwin, Triq P. Mifsud, Triq K. Gimach, Triq il-Mitħna, Triq F. F. Mattei, Triq F. Zahra, Triq tal-Grazzja u Triq il-Kbira.

Nhar il-Ħadd, 13 ta' Ġunju, 2010 mis-6.00 p.m. minn Triq tad-Dawl, Triq Ebona, Triq il-Parroċċa, Triq il-Knisja, Triq il-Kbira, Misraħ San Filep, Triq Antonio Sciortino, Triq Ġanni Bonnici, Triq Zarb, Triq Ħal Mula, Triq Dun Salv Trevisan, Triq L. Mifsud Tommasi, Triq is-Sindku P. Vella, Triq Mamo, Triq Sant'Antnin u Pjazza San Filep.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Santu Rokku, Triq Mamo, Triq is-Siġġiewi, Triq Sant'Antnin, Triq il-Knisja, Triq il-Parroċċa, Triq San Ġużepp, Triq l-Anġlu, Triq il-Kbira and Triq Antonio Sciortino.

On Wednesday, 9th June, 2010 from 8.00 p.m. from St Philip Church parvis, Triq Sant Antnin to Triq il-Parroċċa, Triq l-Anġlu, Triq Vilhena, Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Kbira, Pjazza San Filep and Triq Antonio Sciortino.

On Wednesday, 9th June, 2010 from 6.00 p.m. from both sides of Triq Antonio Sciortino.

On Thursday, 10th June, 2010 from 8.00 p.m. from Pjazza San Filep, Triq il-Parroċċa, Triq Antonio Sciortino, Triq l-Infetti, Vjal il-Ħelsien, Triq Agirra, Triq Lazzru Pisani, Triq Santu Rokku, Triq iż-Żebbuġ, Triq L. Gafà, Triq Dun F. Calleja, Triq A. Gatt, Triq l-Għasfura, Triq it-Twila, Triq il-Kbira, Triq id-Duluri, Triq Dun Mikiel Xerri and Triq l-Isqof Caruana.

On Friday, 11th June, 2010 from 8.00 p.m. onwards from Pjazza San Filep and Triq Antonio Sciortino in front of 12th May Band Club.

On Saturday, 12th June, 2010 from 6.00 p.m. from Triq tal-Grazzja, Triq il-Mitħna, Triq Fra Fred Mattei, Triq Xmun Attard, Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Parroċċa, Pjazza San Filep, Triq Antonio Sciortino and Vjal il-Ħelsien.

On Sunday, 13th June, 2010 from 9.00 a.m. through Pjazza San Filep, Triq Antonio Sciortino, Triq Milanese, Triq l-Isqof Caruana, Triq il-Kbira, Misraħ Ħal Muxi, Triq Santa Marija,Triq l-Għasfura, Triq A. Gatt, Triq Dun F. Calleja, Triq L. Gafà, Triq Lazzru Pisani, Vjal il-Ħelsien, Triq l-Infetti, Triq Antonio Sciortino, Triq il-Parroċċa, Triq San Ġużepp, Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Madonna, Triq Ħali, Triq P. Debono, Triq il-Prinċep Bażilku, Triq Ħal Dwin, Triq P. Mifsud, Triq K. Gimach, Triq il-Mitħna, Triq F. F. Mattei, Triq F. Zahra, Triq tal-Grazzja and Triq il-Kbira.

On Sunday, 13th June, 2010 from 6.00 p.m. from Triq tad-Dawl, Triq Ebona, Triq il-Parroċċa, Triq il-Knisja, Triq il-Kbira, Misraħ San Filep, Triq Antonio Sciortino, Triq Ġanni Bonnici, Triq Zarb, Triq Ħal Mula, Triq Dun Salv Trevisan, Triq L. Mifsud Tommasi, Triq is-Sindku P. Vella, Triq Mamo, Triq Sant'Antnin and Pjazza San Filep.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

L-Isla

Nhar il-Ħadd, is-6 ta' Ġunju, 2010, mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: quddiem il-Knisja Parrokkjali, Pjazza l-Arċisqof Mattei, iż-Żewġ Mini, il-Vitorja u San Pietru u San Pawl.

Nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Ġunju, 2010, mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: quddiem il-Knisja ta' San Filippu, iż-Żewġ Mini, il-Ponta u l-Portu Salvu.

Nhar is-Sibt, it-12 ta' Ġunju, 2010, mit-3.00 p.m. 'il quddiem minn quddiem il-Knisja Parrokkjali tal-Isla l-inħawi kollha.

Nhar il-Ħadd, it-13 ta' Ġunju, 2010, mit-3.00 p.m. 'il quddiem minn quddiem il-Knisja Parrokkjali tal-Isla, l-Arċisqof Mattei, iż-Żewġ Mini, Pjazza Francesco Zahra u l-Vitorja.

It-28 ta' Mejju, 2010

Senglea

On Sunday, 6th June, 2010, from 3.00 p.m. onwards through the following streets: in front of Parish Church, Pjazza l-Arċisqof Mattei, iż-Żewġ Mini, il-Vitorja and San Pietru u San Pawl.

On Friday, 11th June, 2010, from 3.00 p.m. onwards through the following streets: in front of St Philip Church, iż-Żewġ Mini, il-Ponta and il-Portu Salvu.

On Saturday, 12th June, 2010, from 3.00 p.m. onwards in front of Senglea Parish Church all area.

On Sunday, 13th June, 2010, from 3.00 p.m. onwards in front of Senglea Parish Church, l-Arċisqof Mattei, iż-Żewġ Mini, Pjazza Francesco Zahra and il-Vitorja.

28th May, 2010

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex skond l-artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Għawdex matul il-perjodu Ottubru u Diċembru, 2009.

DATA	DESKRIZZJONI TA L-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
14.10.2009	Arloġġ tal-idejn	Fortun Cini
19.10.2009	*Mobile phone*	Gorgi Portelli
20.10.2009	Katina ta' metall isfar	Joseph Azzopardi
14.11.2009	Flus	Mary Daly
18.11.2009	*Mobile phone*	Marie Angel Cilia
23.11.2009	Arloġġ tal-idejn	Herman Mifsud
02.12.2009	*Mobile phone*	Vella Muskat Alexander Victor
21.12.2009	Flus	Mary Daly
21.12.2009	Kartiera u flus	George Mercieca
23.12.2009	Arloġġ tal-idejn	Psaila Maria Giovanna
31.12.2009	Ġakketta tas-suf	Tarsilla Axiaq

It-28 ta' Mejju, 2010

28th May, 2010

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex skond l-artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Għawdex matul il-perjodu Jannar u Marzu, 2010.

DATA	DESKRIZZJONI TA L-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
28.01.2010	Portmoni u flus	Nathalie Borg
15.02.2010	*Mobile phone*	Karol Cefai
15.02.2010	Pendent ta' metall isfar	Dolinda Mercieca
17.02.2010	Portmoni b'dokumenti	PS 369 J. Mizzi
26.02.2010	Portmoni u flus	Joseph Zerafa
01.03.2010	Oġġetti tal-kċina	PS 428 C. Debattista
04.03.2010	Kartiera u flus	Emanuel Cardona
06.03.2010	Flus	Mary Daly
10.03.2010	*Mobile phone*	Mario Gauci
23.03.2010	Ċurkett ta' metall isfar	Joe Abela
23.03.2010	Kartiera u flus	Joe M. Attard

It-28 ta' Mejju, 2010

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 30 tal-2010

Xogħol ta' Manutenzjoni fuq il-Pipeline tal-Ilma tax-Xorb fil-Fliegu tat-Tramuntana ta' Kemmuna

Ngħarrfu lill-baħħara li qed isir xogħol ta' manutenzjoni minn għaddasa fuq il-*pipeline* tal-ilma tax-xorb fil-Fliegu tat-Tramuntana ta' Kemmuna. Id-*diving launch* Kirby qed tgħin lill-għaddasa u se ttajjar l-International Code Flag "A" waqt il-ħidma tal-għaddasa.

Ix-xogħlijiet għandhom jibdew kmieni l-ġimgħa d-dieħla u għandhom jdumu għaxart ijiem, jekk it-temp jippermetti.

Il-baħħara huma mwissija biex ibaħħru b'kawtela u bilmod u jżommu 'l bogħod meta jkunu fil-viċinanzi tad-*diving launch Kirby*.

L-ordnijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control, (VTS) fuq VHF Channel 12, għandhom jiġu obduti.

Chart affettwata: BA 211A, 2537, 194

It-28 ta' Mejju, 2010

28th May, 2010

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 30 of 2010

Maintenance Work on Fresh Water Pipeline in the North Comino Channel

Mariners are notified that maintenance work by divers will be carried out on the underwater fresh water pipeline in the North Comino Channel. The diving launch *Kirby* will be assisting the divers and will fly the International Code Flag "A" during diving operations.

The works are scheduled to start early next week and should last approximately 10 days, weather permitting.

Mariners are advised to navigate with caution at slow speed and give a wide berth when in the vicinity of the diving launch *Kirby*.

Instructions given by Valletta Port Control, (VTS) on VHF Channel 12, are to be complied with.

Chart affected: BA 211A, 2537, 194

28th May, 2010

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 31 tal-2010

Proġett ta' Modernizzar fil-Breakwater ta' Marsaxlokk

Transport Malta tgħarraf lill-baħħara kollha li minħabba l-Proġett għall-immodernizzar tal-*Breakwater* ta' Marsaxlokk, *area* ta' mitt (100) metru fuq il-parti ta' barra tal-*Breakwater* ta' Marsaxlokk u ħamsin (50) metru kif iddur mal-Bullnose tal-Breakwater għandhom jiġu kkunsidrati bħala *restricted NO GO areas*.

Ix-xogħol kellu jibda t-Tlieta 25 ta' Mejju, 2010 fis-7.30 a.m. Ix-xogħlijiet se jdumu għal perjodu ta' sentejn (2).

Il-baħħara huma mwissija biex iżommu 'l bogħod mill-bastimenti li jkunu jaħdmu fl-inħawi msemmija hawn fuq qrib il-*Breakwater* ta' Marsaxlokk.

Il-bastimenti involuti fix-xogħlijiet huma dawn:

Workboat	–	St.Gabriel
Safety Boat	–	Mariah
Braken	–	Paulus, Saulus, San Paolo, San Carlo and San Pietro
Jack Up barges	–	Magnus and Ave Caesar

B'żieda ma' dan il-baħħara huma mwissija li fir-*restricted NO GO areas* se ssir ħidma minn għaddasa mill-1 ta' Ġunju 2010 għal perjodu ta' sentejn (2) u għalhekk għandhom ibaħħru b'kawtela u bilmod meta jkunu qrib tal-inħawi msemmija hawn fuq. Huma għandhom jobdu l-ordnijiet li jingħataw mill-Marsaxlokk Port Control fuq VHF Channel 14.

It-28 ta' Mejju, 2010

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 31 of 2010

Marsaxlokk Breakwater Refurbishment Project

Transport Malta would like to notify all mariners that due to the Marsaxlokk Breakwater Refurbishment Project an area of one hundred (100) metres on the outside part of the Marsaxlokk Breakwater and fifty (50) metres round the Breakwater Bullnose are to be considered restricted NO GO areas.

The work was scheduled to start on Tuesday, 25th May 2010 at 7.30 a.m.. The works will last for a period of two (2) years.

Mariners are advised to keep clear of vessels operating in the areas described above close to the Marsaxlokk Breakwater.

The vessels involved in the works are:

Workboat	–	St.Gabriel
Safety Boat	–	Mariah
Barges	–	Paulus, Saulus, San Paolo, San Carlo and San Pietro
Jack Up barges	–	Magnus and Ave Caesar

In addition mariners are advised that in the restricted NO GO areas diving operations shall be carried as of the 1st June 2010 for a period of two (2) years and therefore they are to navigate with caution and slow speed when in the vicinity of the above-mentioned area. They are to obey instructions as given out by the Marsaxlokk Port Control on VHF Channel 14.

28th May, 2010

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' Electrical Maintenance Officer
Dipartiment tal-Estate and Works

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post ta' *Electrical Maintenance Officer* fid-Dipartiment tal-*Estate and Works* u kif ikun meħtieġ fl-Università.

2. L-applikanti jrid ikollhom il-Wireman Licence 'A' u preferibbilment ikollhom ukoll il-Licence 'B' li jkunu msaħħa minn dokumenti u ċertifikati. L-applikanti li ma jkollhomx il-Licence 'B' jiġu kkunisidrati basta jġibu il-Licence 'B' fi żmien tliet snin u jridu jlestu l-BTEC National Diploma fl-Inġinerija Elettrika/Elettronika.

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Electrical Maintenance Officer
Estate and Works Department

Applications are invited for the post of Electrical Maintenance Officer in the Estate and Works Department and as may be required by the University.

2. Applicants should be in possession of a Wireman Licence 'A', preferably also already in possession of Licence 'B' and must be supported by testimonials and certificates. Applicants not in possession of Licence 'B' will be considered subject to applicants undertaking to obtain licence 'B' within three years and having successfully completed the BTEC National Diploma in Electrical/Electronics Engineering.

3. Is-salarju marbut ma' dan il-grad huwa ta' €13,620 b'żieda fis-sena ta' €335 sa massimu ta' €15,630. Wara ħames snin ta' ħidma sodisfaċenti f'dan il-grad, il-maħtur ikun intitolat li jgħaddi għat-tarġa li jmiss fl-iskala tas-salarju b'żieda fis-sena ta' €354 sa massimu ta' €16,641.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra tal-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae* tagħhom u sett ta' kopji taċ-ċertifikati tagħhom lid-

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp
Tar-Riżorsi Umani
Kamru 214, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Erbgħa, 9 ta' Ġunju 2010.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*:

http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies

It-28 ta' Mejju, 2010

3. The post carries an annual salary of €13,620 rising by annual increments of €335 up to a maximum of €15,630. On completion of five years service in this grade, the appointee will on satisfactory performance be entitled to move on to the next salary band with annual increments of €354 up to a maximum of €16,641.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae and one set of copies of their certificates to:

Director for Human Resources Management
and Development
Room 214, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Wednesday, 9th June 2010.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Room 214, Administration Building or on the website:

http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies.

28th May, 2010

UNIVERSITÀ TA' MALTA

***Resident Academic Full-Time Post* fl-Istudji Ewropej fiċ-Ċentru tad-Dokumentazzjoni u Riċerka Ewropea (EDRC)**

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post *Resident Academic full-time* fiċ-Ċentru tad-Dokumentazzjoni u Riċerka Ewropea (EDRC) tal-Università ta' Malta. Il-ħatra tkun fuq bażi indefinita, soġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena, sal-età statutorja tal-irtirar.

Min jinħatar ikun meħtieġ li jipparteċipa fit-tagħlim, riċerka u attivitajiet oħra fiċ-Ċentru tad-Dokumentazzjoni u Riċerka Ewropea (EDRC) u kif ikun meħtieġ fl-Università ta' Malta.

Il-kandidati jrid ikollhom grad/i f'livell *postgraduate*, preferibbilment tkun fl-Istudji Ewropej jew f'dixxiplini rilevanti għall-Istudji Ewropej. Tista' tingħata preferenza lil kandidati li jkunu jafu u mħarrġa sew kemm fl-ekonomija kif ukoll fil-politika tal-Integrazzjoni Ewropea u jkunu lesti li jgħallmu u jagħmlu riċerka f'dawn l-oqsma tal-istudji tal-Integrazzjoni Ewropea.

UNIVERSITY OF MALTA

Resident Academic Full-Time Post in European Studies at The European Documentation and Research Centre (EDRC)

Applications are invited for a full-time Resident Academic post in the European Documentation and Research Centre (EDRC) of the University of Malta. The appointment will be on an indefinite basis, subject to a one-year probationary period, up to statutory retirement age.

The appointee will be required to contribute to the teaching, research and other activities of the European Documentation and Research Centre (EDRC) and as may be required by the University of Malta.

Candidates must be in possession of a post-graduate degree/s, preferably in European Studies or in disciplines which are relevant to European Studies. Preference may be given to candidates who have a sound background in both the economics and politics of European integration and are willing to teach and research in these areas of European Integration studies.

Ir-*Resident Academic Stream* tikkonsisti f'erba' gradi, li huma Professur, Professur Assoċjat, Lettur Anzjan u l-Lettur. Dħul fil-grad ta' Lettur jew ogħla jkun biss għal persuni li jkollhom Ph.D. jew dottorat ekwivalenti bbażati fuq riċerka skont linji gwida stretti stabbiliti mill-Università.

Is-salarji fis-sena għal 2010 li jingħata lill-gradi rispettivi fir-Resident Academic Stream huma kif ġej:

Professur	€35,167 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €9,681 u *Professorial Allowance* ta' €2,100
Professur Assoċjat	€32,154 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €8,323 u *Professorial Allowance* ta' €1,282
Lettur Anzjan	€29,104 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €7,374
Lettur	€23,735 b'żieda fis-sena ta' €641 sa €25,658 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €6,592

L-Università ta' Malta tforni lill-istaff akkademiku bir-riżorsi permezz tal-Fond tar-Riżorsi Akkademiċi biex tappoġġa żvilupp kontinwu professjonali u biex tipprovdi l-mezzi u r-riżorsi meħtieġa minn akkademiku biex jeżegwixxi sewwa l-impenji ta' tagħlim u riċerka fi ħdan l-Università.

